**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 23 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 976/02 AE**

**Media Link Communications Co Ltd**

**Vs**

**Toys 'N' Kids Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitt liri Maltin u sebgha u disghajn centezmu (Lm606.97) rapprezentanti prezz ghal reklamar fuq il-mezzi tal-media tas-socjeta attrici, ordnat mis-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u sitt liri Maltin u sebgha u disghajn centezmu (Lm606.97), bl-imghax in kwantu ghall-invoice datat 27 ta' Novembru 2001 b'effett minn sittin jum wara din id-data, u fir-rigward tal-bilanc b'effett minn disghajn jum wara d-data ta' kull invoice kif indikati fid-dokument a fol. 3 tal-process.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**